Meta jaslu l-knisja kienu jqegħduh fin-nofs b'faldrappa kbira sewda mixħuta fuqu li tattih kollu. Wara l-quddies u l-funzjoni kien isir id-dfin; il-mejjet iqegħdulu taħt rasu imħadda mimlija bil-weraq tar-rand jew tal-larinġ, u, wara, inizżluh fil-qabar. Fuq il-qabar titqiegħed faldrappa sewda, li kienet titħalla għal bosta ġranet.

Wara kien imur kullħatt id-dar, il-familja kienet tinġabar f'kamra u kullħadd bil-qiegħda fl-art kienu jibku u jfaħħru 'l-mejjet jew jitolbu għar-ruħu.

F'dik id-dar, għal tlitt ijiem, ma kienx jitkebbes nar u nies il-mejjet igħixu billi l-ħniena tal-ġirien kienet tgħinhom. F'dan iż-żmien kienu jieklu fl-art. In-nisa tad-dar ma joħorġux qabel 40 ġurnata, u r-rġiel sebât ijiem u ma jqaxxrux leħja kabel 40 ġurnata.

Fdik id-dar jiġi mqassam ħafna qamħ, koċċija u ħobż tant kemm il-familja tista' tonfoq.

Il-vistu kien idum ħafna; fost is-sinjuri kien użat ilbies iswed, fost tar-raħal kienu, għal ftit ġranet, jilbsu l-kabozza bil-maqlub.

Jekk il-familja kien ikollha żwiemel jaqtgħulhom denbhom.

Bil-mod il-mod dawn id-drawwiet bdew jiġu mneħħija, biċċa billi bdew jidhru żejda u oħrajn biex jagħmlu l-wisgħa għal oħrajn ġodda.

Bosta, fit-testment, kienu jridu li d-dilja ma titneħħiex, li ma jinġibux newwieħa, kien hemm min irid ukoll li jekk isir xi għajdud wara l-mewt, il-familja tħallas somma lil xi kunvent. Min ħaġa u min oħra sakemm il-funerali inbidlu f'tal-lum.

WALTER FAVA.

**IL-MALTI**

QARI LI TOĦROĠ

IL-*GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

DIRETTUR Ġ. MUSCAT AZZOPARDI

ĦLAS 1/6 FIS-SENA — KTIEB WIEĦED -/6

**Kull xorta ta' kitba, ħlas, jew ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu ma' IL-MALTI, jinbagħtu lil F. S Caruana, 19 Strada Reale, Valletta.**

# IL-WERREJ TAT-TIENI SENA

| | | faċċata |
|---|---|---|
| It-tieni sena | G. M. A. | 3 |
| Frâk *(Poëżija)* | D. K. | 4·15·81 |
| Is-sengħa tal-kitba | Dun Karm | 5·73·113 |
| Lill-kittieba | P. | 7 |
| Il-Mużew il-ġdid | T.Z. | 8 |
| Il-Qima ta' Ġunone u l-knisja ta' *Santa Maria della Porta* (minn ta' G. DARMANIN DEMAJO P.L.) | S. | 10 |
| Il-Għarbiel tal-Ħarir irqiq | V. M. B. | 13 |
| Xenqit ir-raba' *(Poëżija)* | Dun Karm | 14 |
| Il-Kelma "Ħal" | G. Micallef | 16 |
| " | G. V. | 17 |
| " | C. Dessoulavy | 19 |
| " | A. Cremona | 56 |
| Id-dwell f'Malta fi żmien l-Ordni (Tmiem) | Ġużè Gatt | 21 |
| Il-vokali tal-Isien malti | Sajdun | 26·37 |
| Il-Palazz ta' l-Inkiżitur tal-Birgu | Kan. G. M. Farrugia | 31 |
| Il-Kappell u s-Sejf ta' La Valette | Dun Karm | 25 |
| " | Ġużè Gatt | 35 |
| L-Isien Malti | P. S. M. Zarb O. P. | 39 |
| " | A. Cremona | 85 |
| *Naħa* jew *naħħa* | Sajdun | 46 |
| X'jiswa l-Malti | Dun Pietru Pawl | 47 |
| Dwar il-kelma *laħwa* | G. V. | 49 |
| " | A. C. | 50 |
| L-Isem ta' Għawdex | Sajdun | 51 |
| Il-Ħaġra ta' Majmuma | T. Z. | 53 |
| Għoxrin sena wara... | S. | 61 |
| Id-dwell f'Malta fi żmien l-Ingliżi | Ġużè Gatt | 63·99 |
| Dawra Arkeöloġika ma' dwar il-Birgu | Kan G. M. Farrugia | 66 |
| Il-Malti | Ġanni Vella | 76 |
| Il-kelma *ta* fl-ilsien Malti | P. S. M. Zarb | 82 |
| " | A. Cremona | 130 |
| Lill-farfett *(Poëżija)* | R. Briffa | 88 |
| Mita tħobb | Ġużè Bonnici | 89 |
| Mannarinu | G. M. A. | 95 |
| Id-dnub ma jorqodx | D. G. S. | 97 |
| Il-Ħmar tas-sienja | D. G. S. | 98 |

Hsieb . . . . . .
Nofs-il-lejl sajfi *f Potżija)*. . *• M. fi,
Tiswija ta' Ktiba . . . . ' Ulln *arm
U-kelma *għamda* , Q V.
S*jduti

***Biblijografija—Cueb*** il Kuiel ta Salsunun **ALF. M**
**GALKA** . . . . . „
Syria, Egypt, North Africa. Malta Speak PunL
not Arabic **SIRWXLLIAM WILLCOCKS A** Cremon
Il-fuħhar . . . . .
II semin u l-lsien tagħhom . . P. **S.** M. Zarb O P
Il-ġurdiena u l-lifgħa , Q ' '
Int Alla Manin " *fPoiàija)* . • . Dun Khrm
Il-Konkors tagħua — I. Hena u Gid . fiu^
Il-Knisia ta' San Lawrenz tal-Birgu Kan G. M. Farrugia
Ferħa blatemma . . . . . j ^
Mistoqsijiet u tweġibiet . . . . C
*E Avtograph* . . . . . §
***Bihlijografija*** — Pronostcu Malti **i 927** . Foros
**Hriż**-Żabbar bil-Ġrajja tiegħu E. **B.** VELLA **S.**
Sanf Orsla **V.** M. Mons. **P.** CAUCHI **S.**
X'rajt u xismajt **MONS. P.** GALEA **S.**

## ŻJIEDA

Lil l-Imseħbin fi *Il-Malti* . **G. M. A.**
In-nemel **FERD. CATLEJA**
Xebh *(PoHijcA* **ROSARTO BRIFFA**
Għożżieb vs Miżżewġin **G. GALEA**
Qomt Naħseb *(Poeżija)* **CARMELO CASSAR**
Għax miet Ġużft **BONNICI**
Ftakar *(pożżija)* **J P. VASSALLO**
*Epiihalamion* **'.ROSARIO BRIFFA**
Is-sebàt ijiem tal-Ħolqien **C. VASSALLO**
Funerali Maltin .' **WALER FAVA**